Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Diċembru 2020**
**(OR. en)**

**13684/20**

**JAI 1066**
**COPEN 366**
**EUROJUST 156**
**EJN 106**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 13214/20 + COR 1 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill "Il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri għall-estradizzjoni - l-isfidi attwali u t-triq 'il quddiem"<br>- Test kif approvat mill-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill "Il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri għall-estradizzjoni - l-isfidi attwali u t-triq 'il quddiem", kif approvati mill-Kunsill permezz tal-Proċedura bil-Miktub fl-1 ta' Diċembru 2020.

Il-konklużjonijiet ġew ippubblikati wkoll f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ara ĠU C 419, 4.12.2020, p. 23-29.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**"Il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri għall-estradizzjoni - l-isfidi attwali u t-triq 'il quddiem"**

**IL-KUNSILL APPROVA L-KONKLUŻJONIJIET LI ĠEJJIN:**

1. Il-prijorità ewlenija tal-Aġenda Strateġika 2019-2024, adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019, hija li tipproteġi ċ-ċittadini u l-libertajiet. L-Ewropa trid tkun post fejn in-nies iħossuhom liberi u sikuri. Għal dan il-għan, trid tiġi estiża u msaħħa l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali. Il-kooperazzjoni f'materji kriminali u l-iskambju ta' informazzjoni jenħtieġ li jirriflettu dawn l-ambizzjonijiet u l-applikazzjoni ta' strumenti komuni trid tittejjeb u tiġi żviluppata aktar.

2. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI, id-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE)[1], li hija l-istrument ewlieni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, issimplifikat u aċċellerat il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Hija tkompli tagħti kontribut essenzjali biex jintlaħaq l-objettiv tal-Unjoni li tipprovdi liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

[1] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

3. Id-diskussjonijiet dwar kif tista' tittejjeb aktar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali saru f'diversi okkażjonijiet. Matul dan il-proċess, ħarġu ċerti oqsma li fihom tista' tiżdied aktar l-effettività tal-mekkaniżmu ta' ċediment tal-MAE. B'hekk, fl-2018, matul il-Presidenza Awstrijaka, il-Kunsill adotta konklużjonijiet fuq ir-rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali, intitolati l-"Promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku bit-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka"[2]. Fl-2019, il-Presidenza Rumena ħarġet rapport intitolat "It-triq 'il quddiem fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali"[3]. Ir-rapport ta' implimentazzjoni l-aktar reċenti tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2020[4], id-disa' ċiklu li għaddej bħalissa ta' evalwazzjonijiet reċiproċi fil-Kunsill[5], l-abbozz tar-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kumitat LIBE tal-4 ta' Settembru[6] u l-konferenza virtwali li saret fl-24 ta' Settembru 2020 fil-kuntest tal-Presidenza Ġermaniża[7] taw impetu ġdid lid-diskussjonijiet dwar il-futur tal-MAE.

4. It-13 ta' Ġunju 2022 ser ikun l-20 anniversarju mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l-Eurojust, in-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) u l-prattikanti li jaħdmu ta' kuljum fuq il-proċedimenti ta' ċediment jenħtieġ li jistinkaw biex isibu u jimplimentaw soluzzjonijiet għall-isfidi attwali fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru biex jiġi ċċelebrat dak l-anniversarju.

---

[2] ĠU C 449, 13.12.2018, p. 6.

[3] 9728/19.

[4] COM(2020) 270 final.

[5] Id-disa' ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar l-istrumenti legali fil-qasam taċ-ċaħda jew ir-restrizzjoni tal-libertà, ara d-dokument 6333/19 għall-ambitu tal-evalwazzjoni.

[6] Abbozz ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2019/2207(INI)), 4 ta' Settembru 2020; EPRS, Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew, PE 642.839, Ġunju 2020.

[7] Ara n-nota tal-Presidenza 11419/20.

5. Il-Kunsill jaqbel li hemm lok għal titjib fl-oqsma li ġejjin:

A. It-titjib tat-traspożizzjoni nazzjonali u l-applikazzjoni prattika tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE,

B. L-appoġġ lill-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni fit-trattament ta' evalwazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali,

C. L-indirizzar ta' ċerti aspetti tal-proċedura fl-Istat Membru emittenti u dak ta' eżekuzzjoni,

D. It-trattament ta' talbiet biex ċittadini tal-UE jiġu estraditi lejn pajjiżi terzi,

E. It-tisħiħ tal-proċeduri ta' ċediment tal-MAE fi żminijiet ta' kriżi.

**A. It-titjib tat-traspożizzjoni nazzjonali u l-applikazzjoni prattika tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE**

6. L-effiċjenza u l-effettività tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE jiddependu prinċipalment fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi bis-sħiħ ir-rekwiżiti tad-dritt tal-UE. Minkejja l-isforzi konsiderevoli li diġà saru, għad hemm lok għal titjib, b'mod partikolari fid-dawl tal-ġurisprudenza li qed tevolvi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE).

7. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex jiżguraw it-traspożizzjoni korretta tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE, filwaqt li jittieħed kont debitu tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mir-raba' ċiklu u d-disa' ċiklu li għaddej bħalissa ta' evalwazzjonijiet reċiproċi[8], kif ukoll tar-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2006, il-11 ta' Lulju 2007, il-11 ta' April 2011 u t-2 ta' Lulju 2020[9]. Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE u, fejn meħtieġ, ser tkompli tibda tali proċedimenti fil-futur qarib.

---

8 Ara r-rapport finali 8302/4/09 REV 4 u 6333/19.
9 COM(2006)8 final, COM(2007)407 final, COM(2011)175 final, COM(2020)270 final.

8. Il-Manwal dwar kif toħroġ u teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew[10], aġġornat l-aħħar fl-2017, wera li huwa għodda siewja għall-prattikanti. Fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew sadanittant, b'mod partikolari fir-rigward tal-għadd kbir ta' sentenzi mill-QĠUE, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex taġġorna l-Manwal fil-futur qarib.

9. L-Istati Membri huma inkoraġġuti biex jagħmluha aktar faċli għall-prattikanti biex japplikaw u jinterpretaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE billi jistabbilixxu linji gwida mhux vinkolanti għall-applikazzjoni tal-MAE. Tali linji gwida, li jenħtieġ li jieħdu kont tal-Manwal tal-MAE u jkunu kompatibbli miegħu, jistgħu jassistu lill-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti, b'mod partikolari meta jiġu biex jivverifikaw jekk humiex issodisfati l-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' MAE u jekk huwiex osservat il-prinċipju tal-proporzjonalità.

10. Il-ħarsa ġenerali tal-Eurojust "Ġurisprudenza mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE dwar il-MAE", aġġornata l-aħħar f'Marzu 2020, uriet li hija għodda utli għall-prattikanti. Il-Kunsill jistieden lill-Eurojust taġġorna din il-ħarsa ġenerali kif adatt, kemm jista jkun ta' spiss, u tkompli tagħmilha disponibbli elettronikament f'forma adatta.

11. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, il-Kummissjoni u n-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju fl-isforzi tagħhom biex jappoġġaw u jżidu t-taħriġ kontinwu għall-prattikanti involuti fil-proċeduri ta' ċediment tal-MAE u biex jippromwovu aktar l-iskambju ta' fehmiet bejn prattikanti minn Stati Membri differenti. Il-kuntatt dirett bejn il-prattikanti fi Stati Membri differenti jsaħħaħ il-fiduċja reċiproka u b'hekk jikkontribwixxi għal applikazzjoni aħjar tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE. Il-possibbiltajiet biex jiġu ospitati avvenimenti speċifiċi ta' taħriġ għal prattikanti minn żewġ Stati Membri jew aktar b'volum ta' każijiet reċiproku għoli jenħtieġ li jiġu esplorati aktar sabiex jiġi promoss il-fehim reċiproku.

---

[10] ĠU C 335, 6.10.2017, p. 1.

12. L-Eurojust u n-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) jaqdu rwol ewlieni fl-applikazzjoni prattika tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE, kif deher matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Eurojust u lin-NĠE biex ikomplu l-ħidma siewja tagħhom u jintensifikaw l-isforzi tagħhom kemm biex itejbu aktar l-iskambju ta' informazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali kif ukoll biex jipprovdu l-aħjar appoġġ possibbli għall-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).

13. Sabiex tittejjeb aktar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE, jenħtieġ li jiġi pprovdut portal ċentralizzat fil-livell tal-Unjoni fejn tinġabar u tiġi aġġornata kontinwament l-informazzjoni rilevanti kollha li tista' tagħmilha aktar faċli għall-prattikanti biex jużaw il-MAE. Għal dak il-għan, in-NĠE, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, l-Eurojust u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, huwa mistieden jesplora l-opzjonijiet għall-espansjoni u t-titjib ulterjuri tas-sit web tan-NĠE, li diġà jipprovdi firxa wiesgħa ta' informazzjoni dwar il-MAE u għalhekk huwa bażi tajba f'dak ir-rigward.

## B. L-appoġġ lill-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni fit-trattament ta' evalwazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali

14. Is-sistema stabbilita mid-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE hija bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku (il-premessa 6, l-Artikolu 82(1) TFUE); filwaqt li l-eżekuzzjoni tal-MAE tikkostitwixxi r-regola (l-Artikolu 1(2)), ir-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa l-eċċezzjoni. Tali rifjut, li jista' jżid ir-riskju ta' impunità u jimmina s-sigurtà taċ-ċittadini u l-protezzjoni tal-vittmi, jista', fil-prinċipju, jiġi previst biss fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Kwadru. Għalkemm id-Deċiżjoni Kwadru ma tistipulax raġuni għal rifjut fil-każ ta' ksur imminenti tad-drittijiet fundamentali, ma għandhiex l-effett li timmodifika l-obbligu tal-Istati Membri li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji fundamentali kif minquxa fl-Artikolu 6 TUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (l-Artikolu 1(3), il-premessi 12 u 13).

15. Il-QĠUE rrikonoxxiet li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, tirrifjuta li teżegwixxi MAE fejn ikun hemm riskju reali li ċ-ċediment tal-persuna kkonċernata tista' twassal għal trattament inuman jew degradanti skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Karta[11], minħabba l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat emittenti, jew għal ksur tad-dritt fundamentali għal proċess ġust minqux fl-Artikolu 47(2) tal-Karta[12], minħabba tħassib dwar l-indipendenza tal-ġudikatura fl-Istat emittenti. Il-prattikanti b'hekk ingħataw il-kompitu diffiċli li jsolvu t-tensjoni bejn ir-rikonoxximent reċiproku u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fuq bażi ta' każ b'każ.

*Protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti*

16. Il-projbizzjoni ta' trattament jew kastig inuman jew degradanti, stipulata fl-Artikolu 4 tal-Karta, hija assoluta fis-sens li hija marbuta mill-qrib mar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, is-suġġett tal-Artikolu 1 tal-Karta u wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 2 TUE.[13]

17. Il-Kunsill jenfasizza li l-isfidi relatati mal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti jridu jiġu indirizzati f'dak l-Istat Membru, u fir-rigward tal-persuni detenuti kollha. Huwa jenfasizza l-fatt li standards minimi u punti ta' riferiment dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, inkluż dwar l-arrest preventiv, diġà jeżistu fil-forma ta' strumenti ta' liġi mhux vinkolanti rikonoxxuti, b'mod partikolari r-"Regoli Ewropej dwar il-Ħabsijiet" tal-Kunsill tal-Ewropa[14]. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità ma' dawn l-istrumenti.

---

11 QĠUE, 5 ta' April 2016, C-404/15, Aranyosi u Caldararu; QĠUE, 25 ta' Lulju 2018, C-220/18 PPU; QĠUE, 15 ta' Ottubru 2019, C-128/18, Dorobantu.

12 QĠUE, 25 ta' Lulju 2018, C-216/18 PPU, LM. Ara l-proċedimenti pendenti fil-kawżi konġunti C-354/20 PPU u C-412/20 PPU (Openbaar Ministerie u oħrajn).

13 QĠUE, 5 ta' April 2016, C-404/15, Aranyosi u Caldararu, il-paragrafi 85, 87.

14 Rakkomandazzjoni Rec(2006)2 tal-Kumitat tal-Ministri għall-Istati Membri dwar ir-Regoli Ewropej dwar il-Ħabsijiet.

18. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-prattikanti jingħataw l-appoġġ u l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-valutazzjoni f'żewġ stadji kif stabbilit mill-QĠUE.[15] Il-prattikanti jrid ikollhom aċċess għal informazzjoni oġġettiva, affidabbli, speċifika u aġġornata kif xieraq sabiex jivvalutaw, bħala l-ewwel pass, jekk hemmx nuqqasijiet fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, li jistgħu jkunu sistemiċi jew ġeneralizzati, li jistgħu jaffettwaw ċerti gruppi ta' persuni, jew li jistgħu jaffettwaw ċerti postijiet ta' detenzjoni. Għat-tieni stadju ta' valutazzjoni, il-prattikanti jridu, skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE, jirċievu l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-kundizzjonijiet li fihom huwa effettivament maħsub li ser jinżamm l-individwu kkonċernat fl-Istat Membru emittenti, sabiex jevalwaw jekk hemmx raġunijiet sostanzjali biex jemmnu li, jekk tiġi ċeduta, dik il-persuna tkun f'riskju reali li tkun soġġetta għal trattament inuman jew degradanti.

19. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li, sabiex jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) nediet il-bażi ta' data tad-detenzjoni kriminali fl-2019, li tiġbor flimkien f'post wieħed l-informazzjoni mill-2015 sal-2019 dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE. L-FRA hija mistiedna taġġorna b'mod regolari din il-bażi ta' data sabiex tiżgura li l-informazzjoni pprovduta tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-QĠUE u, fil-perijodu medju, tivvaluta jekk il-bażi ta' data tissodisfax il-ħtiġijiet li jinqalgħu fil-prattika.

20. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex, meta taġġorna l-Manwal tal-MAE, tagħmel enfasi partikolari fuq l-għoti ta' gwida għall-prattikanti dwar kif għandhom jittrattaw il-kwistjoni tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, filwaqt li jittieħed kont tar-riżultati tad-disa' ċiklu li għaddej bħalissa ta' evalwazzjonijiet reċiproċi. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll ir-rakkomandabbiltà li jiġu żviluppati soluzzjonijiet prattiċi, bħal mudell għat-talba ta' informazzjoni supplimentari skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE.

[15] QĠUE, 5 ta' April 2016, C-404/15, Aranyosi u Caldararu; QĠUE, 25 ta' Lulju 2018, C-220/18 PPU, il-paragrafi 88-94; QĠUE, 15 ta' Ottubru 2019, C-128/18, Dorobantu, il-paragrafi 52-55.

*Salvagwardja tad-dritt għal proċess ġust*

21. Id-dritt għal proċess ġust, kif stipulat fl-Artikolu 47(2) tal-Karta, huwa ta' importanza kardinali bħala garanzija li ser jiġu protetti d-drittijiet kollha li l-individwi jgawdu mid-dritt tal-UE u li ser jiġu ssalvagwardjati l-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari l-valur tal-istat tad-dritt.[16]

22. Il-Kunsill ifakkar lill-Istati Membri fir-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw ir-rispett għall-istat tad-dritt fl-UE u li jissalvagwardjaw id-dritt għal proċess ġust u, b'mod partikolari, l-aċċess għal tribunal indipendenti u imparzjali. L-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet sabiex isaħħu l-fiduċja reċiproka u jevitaw ir-riskju ta' politiċizzazzjoni tal-kooperazzjoni f'materji kriminali. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel użu mill-funzjoni tagħha bħala gwardjan tat-Trattati f'dan ir-rigward.

23. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-prattikanti jingħataw l-appoġġ u l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-valutazzjoni f'żewġ stadji meħtieġa f'każijiet ta' riskju allegat ta' ksur tal-Artikolu 47(2) tal-Karta kif stabbilit mill-QĠUE[17]. Il-prattikanti jrid ikollhom aċċess għal materjal oġġettiv, affidabbli, speċifiku u aġġornat kif xieraq, sabiex jivvalutaw, bħala l-ewwel pass, jekk hemmx riskju reali, b'rabta ma' nuqqas ta' indipendenza tal-qrati fl-Istat Membru emittenti minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati, li jinkiser id-dritt fundamentali għal proċess ġust. Għat-tieni stadju, il-prattikanti jridu jirċievu, skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvalutaw jekk hemmx raġunijiet sostanzjali biex jemmnu li l-persuna kkonċernata ser tkun f'tali riskju jekk din tiġi ċeduta, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni personali ta' dik il-persuna, kif ukoll tan-natura tar-reat u l-kuntest fattwali li jifforma l-bażi tal-MAE.

[16] QĠUE, 25 ta' Lulju 2018, C-216/18 PPU, LM, il-paragrafu 48.
[17] QĠUE, 25 ta' Lulju 2018, C-216/18 PPU, LM, il-paragrafi 61, 68, 79.

24. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex, meta taġġorna l-Manwal tal-MAE, tipprovdi gwida għall-prattikanti dwar kif għandhom jittrattaw każijiet ta' allegat riskju ta' ksur tal-Artikolu 47(2) tal-Karta u, f'konsultazzjoni mal-FRA, tikkunsidra modi kif jittejjeb l-aċċess tal-prattikanti għall-informazzjoni u għas-sorsi ta' informazzjoni li għalihom jistgħu jirreferu l-prattikanti, filwaqt li jittieħed kont tal-kriterji stabbiliti mill-QĠUE.

*Assigurazzjonijiet*

25. F'konformità mal-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, l-awtorità emittenti tista' titlob informazzjoni supplimentari u l-awtorità emittenti tista' tagħti assigurazzjonijiet li l-persuna kkonċernata, jekk tiġi ċeduta, mhijiex ser issofri ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha.[18]

26. Il-Kunsill jissottolinja li l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti, bil-ħsieb tal-fiduċja reċiproka li trid teżisti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri u li fuqha hija bbażata s-sistema ta' mandat ta' arrest Ewropew, trid tiddependi fuq dawk l-assigurazzjonijiet, għall-inqas fin-nuqqas ta' xi indikazzjoni speċifika għall-kuntrarju.[19]

---

[18] QĠUE, 25 ta' Lulju 2018, C-220/18 PPU, LM, il-paragrafi 108-110.
[19] QĠUE, 25 ta' Lulju 2018, C-220/18 PPU, LM, il-paragrafu 112.

## C. L-indirizzar ta' ċerti aspetti tal-proċedura fl-Istat Membru emittenti u dak ta' eżekuzzjoni

*Tisħiħ tad-drittijiet proċedurali fi proċedimenti tal-MAE*

27. Diġà sar progress konsiderevoli fir-rigward tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali. Bl-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali[20] bħala parti mill-Programm ta' Stokkolma[21], ġew stabbiliti rekwiżiti minimi komuni għall-proċedimenti kriminali bid-Direttiva 2010/64/UE (dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni), id-Direttiva 2012/13/UE (dritt għall-informazzjoni), id-Direttiva 2013/48/UE (dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat), id-Direttiva (UE) 2016/343 (preżunzjoni tal-innoċenza, dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess), id-Direttiva (UE) 2016/800 (garanziji proċedurali għal tfal), u d-Direttiva (UE) 2016/1919 (għajnuna legali).

28. Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, ippubblikati fit-18 ta' Diċembru 2018 fir-rigward tad-Direttivi 2010/64/UE[22] u 2012/13/UE[23], u fis-27 ta' Settembru 2019 fir-rigward tad-Direttiva 2013/48/UE[24], juru ħtieġa ċara għal titjib fit-traspożizzjoni ta' dawn id-Direttivi. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri kkonċernati biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati fir-rapporti ta' implimentazzjoni u jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tad-Direttivi. Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE u, fejn meħtieġ, ser tkompli tibda tali proċedimenti fil-futur qarib.

---

[20] Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU C 295, 4.12.2009, pp. 1–3.

[21] Il-Programm ta' Stokkolma — Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, ĠU C 115, 4.5.2010, pp. 1-38.

[22] COM(2018) 857 final.

[23] COM(2018) 858 final.

[24] COM(2019) 560 final.

29. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi vvalutata l-effettività prattika tad-drittijiet proċedurali fi proċedimenti fl-Istati Membri emittenti u ta' eżekuzzjoni skont id-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE. Ir-rapport ippubblikat mill-FRA fis-27 ta' Settembru 2019 ("Drittijiet fil-prattika: aċċess għal servizzi ta' avukat u drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali u tal-MAE"), li jkopri s-sitwazzjoni fi tmien Stati Membri, huwa kontribut siewi f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jistieden lill-FRA biex tikkunsidra l-possibbiltà li tkompli l-istudju, filwaqt li testendih għall-Istati Membri kollha u tagħmel enfasi speċjali fuq l-esperjenzi ta' avukati li jaġixxu fi proċedimenti ta' ċediment sal-2022.

*Traduzzjonijiet*

30. Il-Kunsill ifakkar li MAE jrid jiġi tradott f'waħda mil-lingwi uffiċjali jew aċċettati tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u jenfasizza li traduzzjoni adegwata hija essenzjali għall-funzjonament effettiv tal-proċeduri ta' ċediment tal-MAE.

31. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw, fir-rigward tat-traduzzjoni tal-MAE, jekk jistgħux jagħmlu użu akbar minn kemm qed isir fil-preżent tal-possibbiltà prevista fl-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE, li jaċċettaw traduzzjoni f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiġi ssimplifikata u aċċellerata l-proċedura.

*Trasferiment ta' proċedimenti u konflitti ta' ġuriżdizzjoni*

32. Sabiex tiġi evitata l-impunità f'Ewropa mingħajr fruntieri, pereżempju meta tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' MAE, meta jkun hemm konflitt ta' ġuriżdizzjoni, jew f'każ ta' proċedimenti paralleli f'żewġ Stati Membri jew aktar fir-rigward tal-istess fatti, tqum il-kwistjoni, fost oħrajn, ta' kif jistgħu jiġu ttrasferiti b'mod effettiv il-proċedimenti u kif jistgħu jiġu solvuti l-konflitti ta' ġuriżdizzjoni.

33. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (2009/948/JHA)[25] għandha l-għan li tipprevjeni proċedimenti paralleli fir-rigward tal-istess fatti u ksur tal-prinċipju ta' "*ne bis in idem*", iżda hija limitata għall-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni u konsultazzjonijiet diretti bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Kif issottolinjat fir-Rapport dwar il-"Każijiet tal-Eurojust fil-qasam tal-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni" tas-16 ta' Frar 2018, għad hemm diffikultajiet, b'mod partikolari f'każijiet kumplessi u dawk relatati ma' konflitti ta' ġuriżdizzjoni negattivi.

34. Bħalissa m'hemm l-ebda qafas legali komuni għat-trasferiment ta' proċedimenti kriminali bejn l-Istati Membri. 13-il Stat Membru biss irratifikaw il-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Trasferiment ta' Proċedimenti f'Materji Kriminali tal-15 ta' Mejju 1972. L-Istati Membri l-oħra jserrħu fuq l-użu tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali tal-20 ta' April 1959, flimkien mal-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Mejju 2000, jew fuq ftehim bilaterali jew kooperazzjoni informali.

35. Fil-passat, minkejja sforzi konsiderevoli, b'mod partikolari l-inizjattiva ta' 16-il Stat Membru għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar it-trasferiment ta' proċedimenti f'materji kriminali fl-2009[26], ma seta' jintlaħaq l-ebda kunsens dwar strument tal-UE. Madankollu, kif enfasizzat fir-rapport tal-Eurojust tas-16 ta' Frar 2018 u l-konklużjonijiet dwar it-52 Laqgħa plenarja tan-NĠE fl-2019[27], il-prattikanti jkomplu jiffaċċjaw sfidi legali u prattiċi b'riżultat ta' dan u għalhekk għandhom tendenza li jappoġġaw il-ħolqien ta' strument tal-UE.

[25] ĠU L 328, 15.12.2009, pp. 42-47.
[26] ĠU C 219, 12.9.2009, pp. 7-17.
[27] 14501/19.

36. Regoli komuni bejn l-Istati Membri dwar it-trasferiment ta' proċedimenti u konflitti ta' ġuriżdizzjoni jistgħu, fil-prinċipju, ikunu kontribut importanti għall-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali billi jżidu l-effiċjenza tal-proċedimenti kriminali u jtejbu l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

37. Fir-rapport tagħha "It-triq 'il quddiem fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali"[28], il-Presidenza Rumena ssuġġeriet aktar esplorazzjoni tal-ħtieġa li titnieda proposta leġiżlattiva dwar it-trasferiment ta' proċedimenti f'materji kriminali f'kuntest usa', inkluż il-valutazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI dwar konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni ffinanzjat studju akkademiku dwar it-trasferiment ta' proċedimenti f'materji kriminali, li ser jiġi ffinalizzat fit-tieni nofs tal-2021.

38. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex, hekk kif ikun disponibbli l-eżitu tal-istudju, tiddiskuti mal-Istati Membri, l-Eurojust u n-NĠE jekk hijiex fattibbli proposta ġdida għal strument tal-UE dwar it-trasferiment ta' proċedimenti f'materji kriminali u jekk tippreżentax valur miżjud. Fl-affermattiv, il-Kummissjoni hija mistiedna tħejji valutazzjoni tal-impatt u, fejn adatt, proposta leġiżlattiva.

*Promozzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni u l-użu ta' MAE*

39. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jesploraw l-opportunitajiet biex itejbu, fejn adatt, l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni, kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati matul il-Presidenza Finlandiża rigward l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni fil-qasam tal-ġustizzja kriminali.[29]

---

[28] 9728/19.
[29] ĠU C 422, 16.12.2019, p. 9.

40. Meta tikkunsidra l-konsegwenzi li l-eżekuzzjoni ta' MAE jkollha għal-libertà tal-persuna rikjesta, l-awtorità emittenti trid tiddetermina jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ, huwiex proporzjonat li jinħareġ MAE. Din il-valutazzjoni tinkludi, b'mod partikolari, il-kwistjoni ta' jekk il-MAE huwiex l-aktar strument adatt jew jekk minflok jistgħux jintużaw miżuri oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja (eż. ordnijiet ta' investigazzjoni Ewropea, ordnijiet ta' superviżjoni Ewropea, trasferiment ta' priġunieri).

41. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw jekk hemmx ħtieġa li jissaħħaħ l-użu ta' miżuri oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, filwaqt li jittieħed kont tar-riżultati tad-disa' ċiklu li għaddej bħalissa ta' evalwazzjonijiet reċiproċi.

**D. It-trattament ta' talbiet biex ċittadini tal-UE jiġu estraditi lejn pajjiżi terzi**

42. Il-Kunsill ifakkar fl-iskambju dwar is-sitwazzjoni attwali rigward it-trattament ta' talbiet għall-estradizzjoni minn pajjiżi terzi li jikkonċernaw ċittadini tal-UE li mhumiex ċittadini tal-Istat Membru rikjest fil-vidjokonferenza informali tal-ministri għall-ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2020.

43. Wara s-sentenzi tal-QĠUE fil-*kawża Petruhhin* u diversi deċiżjonijiet sussegwenti[30], fit-trattament ta' tali talbiet l-Istati Membri huma ffaċċjati minn żewġ obbligi: minn naħa waħda, id-dmir li jissodisfaw l-obbligi eżistenti skont id-dritt internazzjonali u li jiġġieldu kontra r-riskju li r-reat ikkonċernat ma jiġix ikkastigat u, min-naħa l-oħra, l-Istati Membri li ma jestradux iċ-ċittadini tagħhom huma obbligati, f'konformità mal-prinċipji tal-libertà ta' moviment u n-nondiskriminazzjoni għal raġunijiet ta' nazzjonalità, li jipproteġu ċ-ċittadini minn Stati Membri oħra bl-aktar mod effettiv possibbli minn miżuri li jistgħu jċaħduhom mid-drittijiet ta' moviment liberu u residenza fl-UE. F'dak ir-rigward, il-QĠUE ċċarat li l-Istat Membru rikjest irid jaċċerta jekk hemmx miżura alternattiva li tkun inqas ta' preġudizzju għall-eżerċitar tad-drittijiet ta' moviment liberu u li tkun effettiva b'mod indaqs fil-kisba tal-objettiv tal-prevenzjoni tal-impunità[31]. Dan jinkludi li jiġi infurmat l-Istat Membru li tiegħu l-persuna kkonċernata hija ċittadina u, jekk dak l-Istat Membru jitlob dan, iċedi l-persuna rikjesta lil dak l-Istat Membru b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE, dment li l-imsemmi Stat Membru jkollu l-ġuriżdizzjoni li jipproċedi kontra dik il-persuna għal reati mwettqa barra mit-territorju nazzjonali[32].

44. Saret ħidma konsiderevoli biex jingħata għarfien dwar l-applikazzjoni prattika tal-prinċipji *Petruhhin* mill-Istati Membri.[33] Madankollu, il-ġuriżprudenza eżistenti ma tipprovdix soluzzjoni meta l-Istat Membru ta' ċittadinanza ma jistax joħroġ MAE fir-rigward tal-persuna rikjesta.

---

[30] QĠUE, 6 ta' Settembru 2016, C-182/15, Petruhhin; QĠUE, 10 ta' April 2018, C-191/16, Pisciotti; QĠUE, 13 ta' Novembru 2018, C-247/17, Raugevicius; QĠUE, 2 ta' April 2020, C-897/19 PPU, Ruska Federacija; ara l-kawża pendenti C-398/19, Generalstaatsanwaltschaft Berlin.

[31] QĠUE, 6 ta' Settembru 2016, C-182/15, Petruhhin, il-paragrafi 41, 47-50.

[32] QĠUE, 6 ta' Settembru 2016, C-182/15, Petruhhin, il-paragrafi 41, 47-50.

[33] Ara d-dokumenti tal-Kunsill 10429/17, 15786/17 u 15207/17.

45. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Eurojust u n-NĠE wettqu analiżi utli ħafna ta' kif jiġu ttrattati fil-prattika talbiet għall-estradizzjoni ta' ċittadini tal-Unjoni minn pajjiżi terzi. Il-Kunsill ser jiddiskuti r-riżultati ta' din l-analiżi fi żmien raġonevoli u jiddeċiedi dwar il-kwistjoni ta' jekk għandhiex tittieħed xi azzjoni ta' segwitu u, jekk ikun il-każ, f'liema forma.

46. L-esperjenza prattika ta' Stati Membri differenti turi li hemm każijiet fejn talbiet bla bażi u abbużivi għall-estradizzjoni jiġu ppreżentati minn pajjiżi terzi. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-ħtieġa, fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi mħejjija mill-Eurojust u n-NĠE, ta' aktar azzjoni, bħal suġġeriment għal approċċ komuni fit-trattament ta' talbiet ta' tfittxija u estradizzjoni potenzjalment abużivi minn pajjiżi terzi, inkluż dawk li jkunu politikament motivati. F'dan il-kuntest, għandhom jitqiesu l-aħjar prattiki tal-Istati Membri.

**E. It-tisħiħ tal-proċeduri ta' ċediment tal-MAE fi żminijiet ta' kriżi**

47. Sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-COVID-19, l-Istati Membri ħadu diversi miżuri, bħall-għeluq tal-fruntieri, is-sospensjoni tat-traffiku tal-ajru u l-impożizzjoni ta' regoli stretti dwar il-kuntatt u t-tbegħid soċjali. Dan kellu wkoll impatt sinifikanti fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, b'mod partikolari fuq il-proċeduri ta' ċediment skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-MAE.

48. Il-Kunsill jissottolinja li l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fi żminijiet ta' **kriżi** huwa ta' importanza kbira għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-COVID-19 enfasizzat l-importanza tal-iskambju koordinat u rapidu ta' informazzjoni u esperjenza, u l-ħtieġa li tiġi diġitalizzata aktar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

49. Fir-rigward tal-iskambju meħtieġ ta' informazzjoni u esperjenza fi żminijiet ta' kriżi, approċċ koordinat mill-atturi kollha involuti huwa vitali sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' ħidma u jiġu ssimplifikati l-ġbir u d-distribuzzjoni ta' informazzjoni. L-użu ta' kwestjonarji wera li huwa strument siewi għall-ġbir ta' informazzjoni, u l-kumpilazzjoni aġġornata b'mod regolari mill-Eurojust u n-NĠE, li tikkombina informazzjoni li waslet għand l-Eurojust, in-NĠE u l-Presidenza/s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, uriet li hija għodda siewja għall-iskambju koordinat ta' informazzjoni u ta' assistenza kbira għall-prattikanti. Fil-futur, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta' pjattaforma elettronika li fiha, fi żminijiet ta' kriżi, informazzjoni utli tista' tiġi kkonsultata u aġġornata kuljum.

50. Il-Kunsill jissottolinja li d-diġitalizzazzjoni taqdi rwol ċentrali. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet b'mod ċar il-ħtieġa għad-diġitalizzazzjoni fil-pront u komprensiva tal-kooperazzjoni ġudizzjarja transkonfinali, kif enfasizzata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill "Aċċess għall-ġustizzja – nisfruttaw l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni", li ġew maqbula taħt il-Presidenza Ġermaniża.[34] F'bosta każijiet, kwistjonijiet prattiċi jistgħu jingħelbu permezz ta' soluzzjonijiet diġitali.

51. Il-Kunsill jilqa' r-rapport finali tal-Kummissjoni dwar l-istudju dwar "Il-Ġustizzja Kriminali Diġitali Transkonfinali", ippubblikat fl-14 ta' Settembru 2020. Il-miżuri adottati bħala segwitu għal dan l-istudju jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-aspetti li ġejjin: il-ħolqien ta' kanali ta' komunikazzjoni elettronika sikuri bejn l-awtoritajiet kompetenti, approċċ armonizzat għar-rikonoxximent u l-użu ta' firem elettroniċi, jew għall-inqas użu aktar flessibbli tas-sistemi eżistenti, il-ħolqien ta' mezz sikur għat-trażmissjoni ta' fajls kbar u allinjament aħjar ta' sistemi tal-vidjokonferenzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u l-interoperabbiltà teknika tagħhom.

---

[34] ĠU C 342I , 14.10.2020, pp. 1-7.